Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 41/2018

**Ian Falzon (appellant)**

**Vs**

**Awtorita għat-Trasport f'Malta (appellata)**

12 ta' Novembru, 2019.

1. B'deċiżjoni tat-12 ta' April, 2018 it-Tribunal Industrijali ċaħad it-talba tar-rikorrent sabiex jiddikjara li kien tkeċċa inġustament mill-impieg li kellu mal-intimata ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili. It-Tribunal irraġuna u ddeċieda hekk

> *"Il-kunsiderazzjonijiet prinċipali li dan it-Tribunal studja bir-reqqa kien kif ġej.*
>
> *L-allegazzjonijiet ħarġu meta l-IAID għamlet investigazzjonijiet fil-MATS fl-2011. Ir-rikorrent kien diġa' telaq mill-MATS meta bdew l-investigazzjonijiet għax kien diġa' ġie magħżul bħala Director General Civil Aviation fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport. It-Tribunal innota li fuq dawn l-allegazzjonijiet, ir-rikorrent qiegħed jaffaċċja kawża kriminali wara dak li rriżulta mir-rapporti tal-IAID.*
>
> *Żvilupp interessanti li ħareġ fl-aħħar tal-każ kien l-irtirar mill-kawża kriminali mill-MATS wara 'settlement' mar-rikorrent. Dawn kienu 'parte civile' u għaldaqstant ma baqgħux. Ir-rikorrent beda jaħdem mal-Awtorita' għat-Trasport fl-1 ta' Frar 2011. Dan kien iż-żmien, bejn wieħed u ieħor, li l-IAID kienet qiegħda tinvestiga l-allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent li ġraw fil-MATS. Il-kuntratt tar-rikorrent mal-Awtorita' għat-Trasport ġie mġedded għal tliet snin fis-6 ta' Novembru, 2012.*
>
> *Kien fil-laqgħa li saret fl-14 ta' Novembru 2013, mis-soċjeta' intimata fejn ir-rikorrent ta x'jifhem li kien jaf bl-investigazzjonijiet kriminali bid-dettall referut aktar 'il fuq fid-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjeta' intimata.*
>
> *Fl-20 ta' Jannar 2014, ir-rikorrent ġie nnotifikat b'taħrika ta' kawża mill-Pulizija fejn ir-rikorrent dakinhar informa lis-soċjeta' intimata. Fl-20 ta' Jannar 2014, ukoll, ic-CEO tas-soċjeta' intimata kitbet lir-rikorrent biex joħroġ fuq forced leave, li qed jiġi assolt mid-dmirijiet u li qed jiġi appuntat xi ħadd ieħor fl-interim, li jħalli kull propjeta' tal-kumpanija fl-uffiċju u li ma jżurx l-uffiċini sa struzzjonijiet oħra. Dan sar għax skont is-soċjeta' intimata l-każ kien ta' riskju ta' reputazzjoni lejn is-soċjeta' intimata u li l-irwol tar- rikorrent kien jirrikjedi fiduċja assoluta.*
>
> *Ir-rikorrent obda l-istruzzjonijiet u fil-21 ta' Jannar 2014 irrisponda lic-CEO tas-soċjeta' intimata fejn ikkontesta li ntbagħat id-dar fuq forced leave u mhux ġie sospiż b'azzjoni dixxiplinarja.*

*Fil-21 ta' Jannar 2014 ġie appuntat Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni ieħor u fl-24 ta' Marzu, b'ittra, is-soċjeta' tterminat l-impjieg tar-rikorrent.*

*Fit-trattazzjonijiet finali s-soċjeta' intimata fakkret li, r-rikorrent ma qal xejn fuq kwistjonijiet li kellu mal-MATS meta ppreżenta ruħu biex imexxi d-direttorat mis-soċjeta' .*

*Illi r-rikorrent kien impjegat skond il-kuntratt b'tali mod li jkun igawdi 'special trust', fiduċja u integrita' assoluta. Is-soċjeta' semmiet diversi stanzi ta' użu ta' credit card tal-MATS.*

*Illi s-settlement li sar kien stampa ċara li xi ħaġa ħażina kien hemm u li s-soċjeta' intimata ma kinitx taf b'dan meta mpjegat ir-rikorrent. Illi r-rikorrent kellu obbligu jinforma s-soċjeta' intimata b'kollox u li dan m'għamlux. Dan ġie kkonfermat b'xhieda speċifika mic-Chairman tal-MATS.*

*Illi r-ritorn tat-televisions u s-settlement mal-MATS jippruvaw il-ħtija tar-rikorrent u li ma jistħoqqlux li jibqa' fl-impjieg.*

*Illi l-fatt seħħ qabel u waqt l-impjieg mas-soċjeta' intimata. U li seħħ wara hija konsegwenza separata li l-istat Malti, ladarba ġabu l-provi, għażel li jmexxi proċeduri kriminali li huma distinti pero' kien ir-rikorrent li jmur għand it-Tribunal Industrijali.*

*Illi l-employer m'għandux għalfejn jistenna tmiem tal-proċeduri kriminali biex jaġixxi.*

*Illi mhux vera li r-rikorrent ma jafx għax tkeċċa. Fl-ittra li ngħata mic-Chairman tas-soċjeta' intimata r-rikorrent ingħata l-opportunita' li jispjega ruħu iżda r-risposta li daħlet mill-avukati tiegħu ma ndirizzatx il-fatti fejn qalu li jrid jibqa' fil-pożizzjoni. Għaldaqstant ir-rikorrent ma kienx ħaqqu aktar il-fiduċja tas-soċjeta' intimata meta hu lanqas biss ipprova jirrispondi għall-allegazzjonijiet.*

*Min-naħa tar-rikorrent intqal li s-soċjeta' żvijat il-każ għax dan każ quddiem Tribunal Industrijali u mhux Qorti Kriminali.*

*Illi r-rikorrent fl-interview mas-soċjeta' intimata ma kellux ħjiel ta' x'qiegħed jiġri fil-MATS u sar jaf fil-laqgħa tal-14 ta' Novembru 2013 meta għarfuh li r-rapport tal-IAID kien serjissimu u stennew lir-rikorrent jirreżenja.*

*Illi r-rikorrent ma ngħatax kopja tar-rapport avolja stennew li jkun jaf x'fih. U allura r-rikorrent kien akkużat fuq rapport.*

*Illi f'Ottubru 2013 kien hemm laqgħa tal-Bord tas-soċjeta' intimata. Fiha ħareġ ċar li l-pożizzjoni tar-rikorrent ma kinitx aktar tenibbli minħabba responsabbiltajiet statutorji li joħorġu mill-Aviation Act.*

*Illi jidher li s-soċjeta' ma xtaqitx tkeċċi r-rikorrent fuq kawża ġusta iżda li r-rikorrent jitlaq. Kien iż-żmien li l-każ ħareġ fil-midja.*

*Illi s-soċjeta' allura kienet diġa' ħadet deċiżjoni u fl-ebda ħin tal-każ ir-rikorrent ma ingħata ċans jiddefendi ruħu.*

*Illi qatt ma nħareġ charge biex ikun hemm xi forma ta' proċess dixxiplinarju. Illi s-soċjeta' intimata ma setgħetx tkeċċi fuq nuqqas ta' fiduċja.*

*Illi ried ikun hemm bażi imma s-soċjeta' dan ma ġabitux.*

*Illi wkoll is-soċjeta' intimata qatt ma setgħet tkeċċi lir-rikorrent fuq charge kriminali.*

*Illi allura s-soċjeta', u wkoll bħala Gvern, imissha ħallewh sospiż.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal analizza u wiżen il-fatti, il-provi, ix-xhieda u d-dokumenti ppreżentati bl-akbar reqqa.*

*Il-post okkupat mir-rikorrent kien wieħed ta' importanza kbira, ta' importanza strateġika għal pajjiż.*

*It-Tribunal għaraf il-ħtieġa ta' fiduċja assoluta u l-integrita' tal-pożizzjoni u li fil-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent dan id-dritt huwa wkoll referut fil-klawsola 9 bħala 'Special Trust'.*

*Huwa minnu wkoll li r-rikorrent ma sarlux proċess dixxiplinarju formali. Biex wasal għal deċiżjoni t-Tribunal kkunsidra żewġ elementi kruċjali li huma l-loġika u l-liġi.*

***Għaldaqstant it-Tribunal ikkonkluda li l-allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, ir-rapport tal-IAID, ir-ritorn ta' oġġetti li nxtraw bil-credit card tal-MATS u s-'settlement' li ntlaħaq mal-MATS huma kawża ġusta biex employer jittermina mpjieg daqstant importanti f'pożizzjoni daqstant ta' fiduċja u integrita' fil-pajjiż. Ir-rikorrent kellu l-kwistjonijiet mal-MATS u mhux mal-Awtorita' għat-Trasport imma dawn it-tnejn jaqgħu taħt shareholder wieħed li huwa l-gvern u allura, meħuda ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li s-soċjeta' intimata kienet ġusta li l-pożizzjoni tar-rikorrent ma kinitx aktar tenibbli u waslet biex tittermina l-impjieg.***

*Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.*

2. B'rikors preżentat fl-24 ta' April, 2018 ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali. Fil-qosor l-aggravji huma:

i. It-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet żbaljati meta għaraf il-ħtieġa li prinċipal ikollu fiduċja assoluta fl-impjegat. Skont artikolu 34(14)(b) tal-Kap. 452, prinċipal ma jistax ikeċċi impjegat għaliex *"ma jgawdix iżjed il-fiduċja tal-prinċipal".* Mill-ittra ta' tkeċċija ħareġ ċar li r-rikorrent tkeċċa mill-impieg għaliex il-prinċipal kien tilef il-fiduċja fih. Għalkemm fil-kuntratt ta' impieg hemm dikjarat li r-rikorrent kienet persuna ta' 'special trust', l-impieg xorta ma setax jiġi tterminat b'mod li jmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-liġi (artikolu 42 tal-istess liġi).

ii. It-Tribunal semma li ż-żewġ entitajiet kienu tal-Gvern. Ir-rikorrent isostni li t-Tribunal żbalja għaliex ma qiesx il-kunċett ta' personalita separata tal-kumpanniji privati u parastatali, u m'għamilx distinzzjoni bejn azzjonisti u kumpanniji.

iii. Ir-riferenza għal *settlement agreement* kienet barra minn lokha. Ftehim li r-rikorrent iffirma mal-Malta Air Traffic Services Limited mingħajr ebda ammissjoni. Dik il-prova ma kinitx tali li kellha qatt twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li t-tkeċċija kienet għal raġuni tajba u sufficjenti, għaliex fil-fehma tiegħu kien prova li r-rikorrent għamel xi ħaġa ħażina.

iv. M'għandux ikun li prinċipal jagħmel użu ta' tagħrif li jasal għandu wara li jkun keċċa l-impjegat.

v. It-tkeċċija saret mingħajr proċess ta' dixxiplina. Ir-rikorrent kellu jingħata l-opportunita' biex jagħti verżjoni tal-fatti, qabel ma tittieħed d-deċiżjoni finali tat-tkeċċija u dan bil-għan li l-impjegat jista' jiskolpa ruħu jew jagħti ħjiel dwar dak li ġara.

3. Ir-rikorrent talab lil din il-qorti sabiex:

> *"..... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata numru 2524 mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-12 ta' April, 2018 u konsegwentement jew (a) tiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant ma saritx għal raġuni tajba u sufficjenti skont l-liġi u għalhekk tordna l-Awtorita appellata tħallas l-ammont ta' €187,000 skont il-kuntratt tax-xogħol tal-appellant u skont il-liġi jew (b) tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi"*.

4. Permezz ta' risposta li ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 2018 l-intimata tat ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell tar-rikorrent.

**Fatti.**

5. Il-qorti bilfors trid issemmi ċertu fatti sabiex tikkunsidra l-aggravji tar-rikorrent. Prinċipalment dawn huma li:-

i. Fit-30 ta' Novembru, 2010 ir-rikorrent kien sar impjegat tal-intimata fil-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili. L-impieg kien għall-

perjodu ta' tlett snin b'seħħ mill-1 ta' Frar, 2011. F'dik il-kariga r-rikorrent kien il-persuna responsabbli għall-Avjazzjoni Ċivili f'Malta.

ii. Fis-6 ta' Novembru, 2012 il-kuntratt kien imġedded għal tliet snin oħra.

iii. F'Ottubru, 2013 kien sar rapport mill-*Internal Audit and Investigations Department* (IAID) dwar użu ta' credit cards mir-rikorrent fiż-żmien meta kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Financial Officer* ma' *Malta Air Traffic Services Limited*, u Lawrence Fenech li kien kap eżekuttiv.

iv. Wara dak ir-rapport kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u persuna oħra, għall-misappropprijazzjoni ta' flus tal-*Malta Air Traffic Services Limited*. Dan wara li l-IAID ikkonkludiet li l-kap eżekuttiv u r-rikorrent kienu qegħdin jużaw flus il-kumpannija sabiex iħallsu spejjeż personali tagħhom.

v. Fl-20 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrent kien notifikat bit-taħrika tal-akkużi li saru kontrih. Dakinhar stess ir-rikorrent għarraf lil Jeanette Axisa, *Head of Human Resources*, li kien ġie notifikat bit-taħrika tal-pulizija.

vi. Il-każ ingħata pubbliċita fil-*media*.

vii. B'ittra tal-20 ta' Jannar, 2014 il-kap eżekuttiv tal-intimata għarraf lir-rikorrent li wara l-konklużjonijiet tal-IAID, l-Awtorita kienet qegħda tieħu dawn id-deċiżjonijiet fil-konfront tiegħu:

> *"1. You are to go out on vacation leave immediately until further communication by the Authority;*
> *2.You will be immediately relinquished from your duties as Director General of Civil Aviation. An interim appointment will immediately be made;*
> *3. You are also to leave your computer, TM card and any other TM property in your office;*
> *4. You are not to report and/or visit the offices at CAD".*

viii. Fil-21 ta' Jannar, 2014 kien nominat ħaddieħor bħala Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili.

ix. Permezz ta' ittra legali datata 21 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrent ikkontesta d-deċiżjoni tal-intimata. L-argument tiegħu kienu jinkludu li l-ebda ħsara lir-reputazzjoni tal-intimata ma setgħet issir meta tqies li l-akkużi kienu kontrieh u kienu jirrigwarda perjodu meta kien impjegat ma' terzi u mhux mal-intimata.

x. Permezz ta' *email* datata 17 ta' Novembru, 2013 ir-rikorrent għarraf lil żewġ uffiċjali tal-Awtorita li kien dispost li jitlaq mill-impieg bil-patt u kundizzjoni li jitħallas nofs il-paga li kien jaqla' li kieku jibqa' fl-impieg sal-aħħar tat-tliet snin.

xi. Fl-24 ta' Marzu, 2014 l-impieg tal-konvenuta kien terminat. L-attur ingħata ittra b'dik id-data fejn jingħad, *"As discussed during that meeting, the allegations and charges made against you and, more importantly, your failure or inability to contradict or disprove them, are inconsistent with the continuation of your contract of employment with the Authority.... The Board of Directors has noted that the allegations made against you, a member of the Authority's top management, caused a serious and imminent risk to the reputation and credibility of the Authority. It further noted that your position requires absolute trust and that such trust has been severely broken. The Authority is therefore compelled, by reason of the seriousness of the charges made against you, to take immediate action"*.

xii. Skont il-kuntratt ta' impieg (klawżola 10.1) jekk l-impieg tar-rikorrent ikun terminat *'without good and sufficient cause'*, kellu jedd għall-ħlas *"of an amount equivalent to the gross salary outstanding for the remaining period of this contract, excluding the amount payable in respect of performance bonus"*.

xiii. Fit-13 ta' Mejju, 2014 ir-rikorrenti ippreżenta proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn allega li t-tkeċċija ma kinitx għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi. Ir-rikorrent jippretendi ħlas ta' €187,000 jew somma oħra li jillikwida t-Tribunal.

**Konsiderazzjoni.**

6. Fl-ewwel lok il-qorti ma taqbilx mal-intimata li fl-aggravji m'hemmx punti ta' liġi. L-argumenti li saru fir-rikors tal-appell mhumiex punti ta' fatt. Ir-rikorrent m'huwiex jistieden lil din il-qorti biex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. L-ilmenti tar-rikorrent huma dwar żbalji ta' liġi jew nuqqas ta' applikazzjoni ta' liġi min-naħa tat-Tribunal.

7. Il-qorti tibda biex tagħmilha ċara li ma taqbilx mal-konsiderazzjonijiet kollha li semma t-Tribunal fid-deċiżjoni. Hekk per eżempju l-osservazzjoni li l-fatt li r-rikorrent kien irritorna oġġetti li nxtraw bil-*credit card* u l-ftehim li kkonkluda mal-MATS, huma prova tal-ħtija tiegħu. Fir-rigward tal-ewwel ma rriżultax li dak il-fatt kien jeżisti fi żmien tat-terminazzjoni tal-impieg. Fir-rigward tal-ftehim, ma jirriżultax li waqt il-ġbir tal-provi kien ġie eżebit kopja tal-kuntratt. Għalhekk m'huwiex magħruf x'kien il-ftehim u l-kundizzjonijiet. Fatti li ma kinux jeżistu fiż-żmien it-tkeċċija. It-Tribunal Industrijali kellu jiddeċiedi jekk kienx hemm raġuni tajba għat-tkeċċija, fuq il-fatti li kien jaf bihom il-prinċipal u li fuqhom ikun ħa d-deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegat. Għaldaqstant, il-fatti rilevanti huma dawk li kienu jeżistu fiż-żmien tat-tkeċċija u mhux fatti li ġraw żmien wara li jkun tkeċċa l-impjegat.

8. Hekk ukoll il-fatt li l-intimata u l-*Malta Air Traffic Services Limited* huma t-tnejn tal-Gvern hu fatt sekondarju. Mill-ittra li biha l-intimata infurmat lir-rikorrent li qegħda tkeċċieh mill-impieg, hu evidenti li dak il-fatt ma ngħata l-ebda konsiderazzjoni mill-prinċipal meta ħa d-deċiżjoni li jkeċċi lir-rikorrent mill-impieg. Fl-ittra tal-24 ta' Marzu, 2014 il-prinċipal ta r-raġunijiet għat-tkeċċija. Huma dawk ir-raġunijiet li t-Tribunal kellu jistħarreġ u jiddeċiedi dwarhom.

9. Skont l-artikolu 36(14)(b) prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba għat-tkeċċija li, ***"ma jgawdix iktar il-fiduċja tal-prinċipal"***. Ir-rikorrent irrefera għal dik id-disposizzjoni fl-ewwel aggravju. Fl-ittra ta' dismissal, il-kap eżekuttiv tal-Awtorita' kiteb, *"It (is) further noted that your position requires absolute trust and that such trust has been severely broken"*. Dwar dan din il-qorti fis-sentenza **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Limited** tat-28 ta' Marzu, 2008 osservat:-

> *"Jibda biex jigi rilevat illi hi norma espressa tal-ligi, ex- Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) illi, hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat, li ma huwiex il-kaz hawnhekk, principal ma jistax jadduci bhala "raguni tajba u sufficjenti" illi "l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal". **Dan ipprecizat, minn naha l-ohra wiehed lanqas ma jista' jiddiskonoxxi illi jezistu certi rapporti tax-xoghol fejn l-element fiducjarju jassumi l-massimu riljev u, allura, tali jrid jigi konsiderat b'rigur partikulari fil-konfront ta' min, impjegat, jirrivesti mansjonijiet ta' certa responsabilita ` ko-involgenti tisrif jew loghob ta' flus.** Tali, ad ezempju, hu l-kaz ta' impjegati bankarji jew, bhal f' dan il-kaz, ta' impjegati ta' Casinos;*
> *Affermat dan, ragonevolment il-valutazzjoni ta' assenza ta' fiducja ma tistax issir b' riferiment ghall-fatt jew fatti astratti izda ghall-incident konkret u gravi".*

10. F'dan il-każ altru milli kien jeżisti l-element fiduċjarju fil-kariga li r-rikorrent kien jokkupa ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili. Fatt dikjarat fil-kuntratt stess tal-impieg (ara klawżola 9 tal-kuntratt).

11. Il-qorti tifhem li l-imsemmija disposizzjoni għandha tiġi applikata fis-sens li m'huwiex biżżejjed għall-prinċipal li jiddikjara li l-impjegat m'għadux igawdi mill-fiduċja tiegħu, iżda trid issir prova li hemm raġuni sostanzjali wara dak it-telf ta' fiduċja. Hekk per eżempju, fejn impjegat jinqabad ripetutament jisraq mill-post tax-xogħol, wieħed għandu jifhem li l-prinċipal mhux ser jibqa' jafda lill-impjegat.

12. F'kull każ ir-rikorrent ma semmiex li fl-ittra inkiteb ukoll li **l-akkużi serji li nġiebu kontrih, kienu ta' riskju għall-kredibilta u reputazzjoni tal-Awtorita**. Dik ukoll kienet raġuni li ta l-prinċipal għalfejn ittermina l-impieg tar-rikorrent.

13. Ir-rikorrent ilmenta wkoll li ma sarux proċeduri ta' dixxiplina. Pero' l-qorti ma tifhimx xi proċeduri kellhom isiru. F'dan il-każ ma rriżultax li r-rikorrent kien ħati

ta' att jew ommissjoni waqt l-impieg tiegħu mal-Awtorita'. Il-problema kienet li kien hemm proċeduri kriminali li fihom ir-rikorrent ġie akkużat li ikkommetta r-reati ta' frodi u misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi fiż-żmien li kien jokkupa l-kariga ta' Chief Financial Officer mal-*Malta Air Traffic Services Ltd*. Akkuża serja iktar u iktar meta tikkunsidra li r-reat allegatament twettaq fil-kors tal-qadi ta' dmirijietu ma' dik il-kumpannija. Impjieg li kellu eżatt qabel beda jaħdem mal-konvenuta.

14. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi x'kellu jagħmel il-prinċipal, iħalli lill-impjegat ikompli jaqdi dmirijietu ta' Direttur Ġenerali għaliex hemm il-presunzjoni tal-innoċenza favur akkużat ? temporanjament jissospendi lir-rikorrent u jkompli jħallsu s-salarju sakemm tinqata' l-kawża kriminali ? jagħtih xogħol alternattiv fl-Avjazzjoni Ċivili ?

15. Bħala prinċipju ġenerali l-prinċipal m'għandux jedd li minnufih ikeċċi impjegat minħabba li jkun akkużat f'proċeduri kriminali. Kollox jiddependi skond iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-prinċipal qabel jieħu d-deċiżjoni għandu jiddeċiedi jekk l-akkużi jippermettux li l-impjegat jibqa' jagħmel xogħolu, ir-relazzjoni tiegħu mal-prinċipal, kollegi fuq il-post tax-xogħol u klijenti. Ċirkostanzi li jkunu rilevanti huma per eżempju l-kariga, in-natura tax-xogħol li jkun qiegħed jagħmel l-impjegat, u kemm għandu kuntatt ma' impjegati oħra u l-pubbliku.

16. Fiż-żmien li r-rikorrent kien jaħdem mal-intimata, kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili. Il-persuna li skont il-liġi hu responsabbli sabiex, *"..... jimplimenta l-istrateġiji u l-objettivi tal-Awtorita u għandu jaġixxi skont il-linji ta' politika strateġiji u direttivi tal-Awtorita"* (artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232). Għalhekk hu evidenti li r-rikorrent kien jokkupa waħda mill-ogħla karigi mal-intimata. Il-paga u benefiċċji li kellu r-huma fihom infushom prova oħra tar-responsabbiltajiet kbar li ġġorr magħha l-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili.

17. Il-qorti tosserva li:-

i. Jirriżulta li l-każ kien ingħata pubbliċita' fil-media, u wieħed jifhem għalfejn meta tqies il-kariga għolja li kien jokkupa r-rikorrent u l-akkużi serji li saru fil-konfront tiegħu dwar reati li allegatament wettaq waqt il-qadi ta' dmirijietu. Għaldaqstant, it-tagħrif kien fid-dominju pubbliku.

ii. Ir-rapport tal-Internal Audit & Investigating Department tad-9 ta' Settembru, 2013 kien *a damning report* fil-konfront tar-rikorrent u persuna oħra li kienet il-kap eżekuttiv tal-MATS u kien jinvolvi ammonti konsiderevoli ta' fondi pubbliċi. L-intimata ma kellha l-ebda obbligu li tagħmel xi eżerċizzju ta' *fact finding* sabiex tiddetermina jekk dak li jingħad fir-rapport huwiex veru. Il-fatt jibqa' li l-prinċipal kellu rapport minn Dipartiment li twaqqaf u regolat bil-liġi (l-Att dwar Awditur Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji, Kap. 461). Liġi li saret, "*Biex jipprovdi dwar ir-regolament tal-funzjoni ta' awditjar intern u tal-funzjoni ta' investigazzjoni finanzjarja, inkluża s-setgħa li jsir awditjar intern u investigazzjonijiet finanzjarji indipendenti u effettivi, biex jipprovdi dwar is-salvagwardji meħtieġa sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Gvern inklużi l-fondi li jista' jirċievi jew ikun meħtieġ li jamministra taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta".* Dan apparti li lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent ta xi spjegazzjoni lill-prinċipal għalkemm kieku ried kellu opportunita' peress li ma tkeċċix mill-ewwel. Il-prinċipal kellu kull jedd li jiddeċiedi dwar x'ser jagħmel bir-rikorrent, wara li qies ir-rapport u l-fatti li l-pulizija kienet akkużat lir-rikorrent fil-qorti. Il-qorti żżid anzi li l-prinċipal kellu d-dmir li jagħmel dak l-eżerċizzju meta tqies il-kariga pubblika li kellu r-rikorrent.

iii. Ovvjament il-prinċipal ma kellux ħjiel kemm ser idumu l-proċeduri kriminali. Fil-fatt għadhom pendenti.

iv. Il-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili hi importanti ħafna fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. Ir-rikorrent kien is-superjur tal-impjegati li jaħdmu f'dik it-taqsima u żgur li kellu kuntatt mal-pubbliku. Hu ovvju li

l-Avjazzjoni Ċivili ma setatx topera mingħajr Direttur Ġenerali u li hu kardinali li jkollha reputazzjoni tajba ħafna meta tqies ukoll kemm hi kompetittiva dik l-industrija. Dan apparti li l-prinċipal għandu interess li jkollu serħan ta' moħħ li l-impjegat, li jokkupa kariga importanti bħal dik, jista' jwettaq id-dmirijiet ferm onerużi tiegħu bl-aħjar mod.

v. L-intimata għandha kull jedd li tissalvagwardja l-interessi tagħha fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u ma tipermettix li tiġi mċappsa r-reputazzjoni tagħha jew xi taqsima li taqa' taħt ir-responsabbilta' tagħha.

18. Meta tqies dawn iċ-ċirkostanzi il-qorti m'għandha l-ebda dubju li l-prinċipal kien ġustifikat li jittermina l-impieg tar-rikorrent. Għall-qorti hu ovvju li l-interessi tal-intimata u t-taqsima tal-avjazzjoni ċivili kienu jeħtieġu deċiżjoni bħal dik. Ir-reputazzjoni tal-intimata u wkoll tas-settur tal-avjazzjoni ċivili f'Malta, kien ser ikollu impatt negattiv jekk baqa' jitmexxa minn persuna li kontriha hemm akkużi ta' reati daqstant serji. F'għajnejn il-pubbliku l-kunfidenza fit-taqsima tal-avjazzjoni ċivili ma tistax tkun waħda pożittiva meta tikkunsidra li d-Direttur Ġenerali kien akkużat b'reati ta' frodi u misapproprijazzjoni. F'dan il-kuntest il-presunzjoni tal-innoċenza mhijiex rilevanti. L-intimat kellu l-ogħla kariga fit-taqsima tal-Avvjazzjoni Ċivili, u kien ġie akkużat fil-qorti li kkommetta frodi u misaproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi waqt li kien jokkupa kariga ta' *Chief Financial Officer* ma' kumpannija tal-Gvern. Kariga oħra li ġġorr ħafna responsabbilta' u li hi wkoll ta' natura fiduċjarja. L-avjazzjoni ċivili hi taqsima kruċjali għall-pajjiż fis-settur tat-trasport. Dan hu ċar ukoll mill-artikolu 9 tal-Att dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. L-Awtorita' ma tistax tippermetti li jkollha sitwazzjoni fejn id-Direttur Ġenerali - Avjazzjoni Ċivili qiegħed imexxi t-taqsima tal-avjazzjoni ċivili tal-pajjiż, li jkun akkużat fil-qorti b'reati tant serji. Id-dubju stess li dawk il-proċeduri kriminali jnisslu dwar l-integrita' u l-onesta tar-rikorrent waqt il-qadi ta' dmirijietu f'kariga daqstant importanti, ma kienx tali li jippermetti lill-intimata li tkompli fir-relazzjoni mar-rikorrent. Dan kollu irrispettivament mill-fatt li l-akkużi kienu jirrelataw għaż-żmien meta kien impjegat ma' terzi. Għalhekk il-prinċipal kellu kull dritt li jissalvagwardja l-interessi tiegħu.

19. Wieħed irid jiftakar ukoll li Direttur Ġenerali ma jaħdimx f'xi uffiċċju waħdu fejn m'għandux bżonn jieħu deċiżjonijiet importanti u bil-kemm għandu kuntatt ma' nies. Ir-rikorrent kien il-kaptan bit-tmun f'idejh u lilu kienu jirrispondu l-impjegati tat-taqsima tal-avjazzjoni ċivili, u kien inkarigat biex jimplimenta l-istrateġija u l-objettivi tal-Awtorita u direttivi tagħha. Ma ntqal xejn fil-kors tal-proċeduri li jippermetti lil din il-qorti sabiex tikkonvinċi ruħha li f'dawk iċ-ċirkostanzi r-rikorrent kellu jinżamm fl-impieg.

20. Mid-deċiżjoni jirriżulta wkoll li fid-deċiżjoni li ħa t-Tribunal ikkunsidra l-kariga importanti li kien jokkupa r-rikorrenti u li ddeskriviha bħala *"ta importanza strageġika għall-pajjiż"*. Hu għalhekk evidenti li t-Tribunal ikkunsidra wkoll l-interessi tal-intimata.

21. Wieħed jista' jargumenta li l-intimata setgħet tissospendi temporanjament lir-rikorrent bħala miżura ta' prekawzjoni sakemm jispiċċaw il-proċeduri kriminali. Fil-kuntratt ta' impieg tar-rikorrent mhemm xejn li jipprovdi għal dik il-possibilta. F'kull każ il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent ma kinux jaqgħu fil-kontroll tal-intimata u sal-lum għadhom pendenti minkejja li t-terminu tal-impieg ilu ftit li skada. Ir-rikorrent m'ammettiex l-akkużi u saħansitra fl-ittra tal-21 ta' Jannar, 2012 għarraf lill-intimata li kien beħsiebu jikkontestaw il-kawża kriminali bil-mezzi kollha li tagħtih il-liġi. In-natura stess tal-akkużi kienu wkoll jagħtu wieħed x'jifhem li dan ma kienx każ li ser jinqata' mil-lum għall-għada. Ovvjament il-konvenuta kellha minnufih tinkariga persuna oħra bħala Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili. Inoltre', meta tqies il-kariga involuta wieħed lanqas ma jista' jippretendi lill-prinċipal li kellu jħalli l-affarijiet *on hold* sakemm tinqata' l-kawża kriminali. Għalhekk il-qorti hi tal-fehma li f'kull każ l-intimata ma kellhiex obbligazzjoni li minflok tkeċċi tissospendi lir-rikorrent mingħajr paga.

22. Il-qorti żżid li peress li r-rikorrent kien impjegat sabiex jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni Ċivili, ma kienx hemm xogħol ieħor x'jista' jingħata sakemm jibqgħu pendenti l-proċeduri kriminali. Dan ma kienx każ ta'

impjegat li minn taqsima seta' faċilment jintbagħat f'taqsima oħra fejn ma ssirx ħsara lill-interess tal-prinċipal u jagħmel xogħol ieħor. Ir-rikorrent kien impjegat speċifikatament sabiex jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali – Avjazzjoni u xejn iktar.

**Għaldaqstant, għalkemm ma taqbilx mar-raġunament kollu tat-Tribunal Industrijali, għar-raġunijiet li ngħataw tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.**

Anthony Ellul.